



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Awwissu 2022  
(OR. en)

11720/22

LIMITE

POLCOM 89  
WTO 140  
AGRI 354  
UD 157  
UK 119

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0231(NLE)**

---

---

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 380 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 380 final.

Mehmuż: COM(2022) 380 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA



Brussell, 2.8.2022  
COM(2022) 380 final

2022/0231 (NLE)  
**SENSITIVE\***

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea**

---

\* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'Ottubru 2018, l-UE nediet formalment il-proċess tan-negożjati (skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994) ma' għadd ta' Membri tad-WTO f'Ġinevra. Il-prinċipju sottostanti tan-negożjati huwa "approċċ konġunt" żviluppat bejn l-UE u r-Renju Unit lura fl-2017 dwar kif "jitqassmu" l-impenji kwantitattivi li jinsabu fl-iskeda tad-WTO tal-EU28 għall-143 kwota tariffarja (TRQs) fil-qafas tad-WTO għal prodotti agrikoli, tal-ħut u industrijali. Il-bażi ta' dan l-approċċ hija li jinżamm bis-sħiħ il-volum eżistenti ta' kull TRQ fil-futur, għalkemm maqsum f'żewġ territorji doganali separati: l-EU27 u r-Renju Unit.

Il-prinċipju tal-metodoloġija applikata huwa bbażat fuq il-flussi kummerċjali fl-EU27 u fir-Renju Unit matul perjodu ta' referenza rappreżentattiv (ta' 3 snin mill-2013 sal-2015) għat-TRQs kollha tad-WTO.

Il-metodoloġija maqbula tat-tqassim hija deskritta fid-dettall fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 2b) ta' dan ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li temenda t-tqassim tal-ishma filwaqt li tqis l-informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi kemm fil-kuntest tan-negożjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 kif ukoll minn sorsi oħra b'interess fi kwota tariffarja speċifika.

Fit-15 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tnedi negożjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT mal-Membri rilevanti tad-WTO bil-ħsieb li jitqassmu l-konċessjonijiet tad-WTO tal-Unjoni dwar it-TRQs.

L-Istati Uniti tal-Amerka (USA) għandhom drittijiet ta' negożjar għal 70 TRQ u drittijiet ta' konsultazzjoni għal 16-il TRQ.

Għall-maġġoranza tat-TRQs fejn huma kkonċernati l-Istati Uniti, il-volumi mqasmi oriġinali proposti mill-UE ġew aċċettati mill-Istati Uniti.

Ġew miftiehma bidliet fil-volumi tat-TRQs li ġejjin.

Is-sehem tal-EU27 tat-TRQ taċ-ċanga speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti u tal-Kanada se jiġi rivedut għal 10 500 tunnellata.

Is-sehem tal-EU27 ta' żewġ TRQs *erga omnes* fis-settur tal-laħam tal-majjal se jiġi rivedut għal 4 786 tunnellata u 5 720 tunnellata rispettivament, filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2015 sal-2017.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti fis-settur tal-laħam tal-majjal se jinġieb għal żero, filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2015 sal-2017.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq it-trab tal-ħalib xkumat se jiġi rivedut għal 62 917-il tunnellata biex jiġi evitat volum mhux kummerċjalment vijabbli min-naħa tar-Renju Unit.

Is-sehem tal-EU27 ta' tliet TRQs *erga omnes* fuq il-patata, it-tadam u l-karrotti se jiġi rivedut għal 4 295 tunnellata, 472 tunnellata u 1 244 tunnellata biex jiġu evitati volumi mhux kummerċjalment vijabbli min-naħa tar-Renju Unit.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-ħjar se jiġi rivedut għal 647 tunnellata filwaqt li jitqies il-perjodu ta' referenza mill-2013 sal-2016.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-basal imnixxef se jiġi rivedut għal 9 770 tunnellata filwaqt li jitqies il-perjodu ta' referenza mill-2014 sal-2016.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-lewż se jiġi rivedut għal 86 223 tunnellata filwaqt li jitqies il-perjodu ta' referenza mill-2014 sal-2016.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq iċ-ċirasa se jiġi rivedut għal 151 tunnellata filwaqt li jitqies il-perjodu ta' referenza mill-2014 sal-2016.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti dwar il-qamħ komuni se jiġi aġġustat għal 572 000 tunnellata filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2016 sal-2018.

Is-sehem tal-EU27 ta' żewġ TRQ *erga omnes* fis-setturi taċ-ċereali se jiġi rivedut għal 307 105 tunnellati u 276 440 tunnellata rispettivament, filwaqt li jitqiesu perjodi ta' referenza aktar reċenti, mill-2016 sal-2018 fl-ewwel każ u mill-2015 sal-2017 fit-tieni każ.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq ir-ross li jkun għadu fil-fosdqa se jiġi rivedut għal 7 tunnellati biex jiġi evitat volum mhux kummerċjalment vijabbli min-naħa tar-Renju Unit.

Is-sehem tal-EU27 tas-suballokazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti ta' żewġ TRQs fuq ross parzjalment immaċinat jew immaċinat se jiġi rivedut għal 25 772 tunnellata u 1 910 tunnellati rispettivament, filwaqt li jitqiesu perjodi ta' referenza aktar reċenti, mill-2017 sal-2020 fl-ewwel każ u mill-2013 sal-2018 fit-tieni każ.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq ross imfarrak se jiġi rivedut għal 28 360 tunnellata, filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2016 sal-2018.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-meraq tal-għeneb se jiġi rivedut għal 2 525 tunnellata, filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2017 sal-2019.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* u TRQ speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti dwar il-preparazzjonijiet tal-ikel se jiġu riveduti għal 783 tunnellata u 1 286 tunnellata rispettivament, filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2016 sal-2018.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-meraq tal-frott se jiġi rivedut għal 6 551 tunnellata, filwaqt li jitqies il-kummerċ fil-perjodi ta' referenza 2015-2017 u 2016-2018.

Għal żewġ TRQs *erga omnes* dwar il-preparazzjonijiet użati fl-għalf tal-annimali, l-EU27 se żżomm il-volum oriġinali kollu tal-EU28 (2 800 tunnellata u 2 700 tunnellata), filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2016 sal-2018 u biex jiġu evitati kwantitajiet żgħir min-naħa tar-Renju Unit.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq l-ikel tal-klieb u l-qtates se jiġi rivedut għal 1 732 tunnellata, filwaqt li jitqies perjodu ta' referenza aktar reċenti mill-2016 sal-2018.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-gambli se jiġi rivedut għal 500 tunnellata (100 % tal-volum tal-EU28) biex tiġi evitata kwantità mhux ekonomika min-naħa tar-Renju Unit.

Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-plywood se jiġi rivedut għal 448 500 m kubu.

Barra minn hekk, għal TRQ taċ-ċanga *erga omnes*, ir-rata fil-kwota se titnaqqas, biex b'hekk il-parti *ad valorem* tad-dazju titnaqqas minn 20 % għal 15 %.

Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 rilevanti se jiġu emendati biex jirriflettu dawn il-volumi emendati tat-TRQ.

Il-Kummissjoni Ewropea kienet diġà ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill għall-istess Ftehim (COM (2021) 122 final). Qabel l-iffirmar tal-Ftehim, fuq talba tal-Istati Uniti, saret bidla fir-reġim lingwistiku; barra minn hekk, wara negozjati ma' sħab oħra tad-WTO, il-volum ta' żewġ TRQs (fuq il-meraq tal-frott u l-plywood) ġie mmodifikat. Bħala konsegwenza ta' dawn il-bidliet, il-Kummissjoni issa qed tippreżenta proposta ġdida għal deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill (il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali) ġie kkonsultat regolarment dwar il-kontenut u l-progress tan-negozjati.

B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu fi stadju aktar tard.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 207(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 218(6) TFUE, tenħtieġ Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-konklużjoni tal-Ftehim.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli. Il-miżura tittieħed fl-implimentazzjoni ta' ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.



Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] (UE) XXXX/XXX, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (il-“Ftehim”) ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li jipprevedi t-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim hu me muż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3(1) tal-Ftehim bil-ħsieb li tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

---

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

